**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Guramentat nru : 63 /2021 AGV**

**Fl-ismijiet:-**

**MM**

**vs**

**GM**

**IL-QORTI:**

**Rat ir- Rikors guramentat ta' MM , li ppremettiet is-segwenti :-**

1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar il-wiehed u tletin (31) t' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987), hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz- zwieg, hawn anness u mmarkat bhala dok '**A'**.

2. Illi minn dan iz-zwieg, twieldu zewgt (2) itfal, u cioe' B u S li huma maggorenni u t-tnejn jahdmu fuq bazi *full-time*.

3. Illi l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti giet resa impossibli u dan minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat inkluz izda mhux biss adulterju u inguri gravi da parti tal-intimat u ghal-liema ragunijiet iz-zwieg taghhom tkisser irrevokabilment, u dan kollu kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi formanti fil-komunjoni tal-akkwisti, fost l-ohrajn hemm l-maisonette fi Triq San Pietru u San Pawl gewwa Seng.lea, terraced house b'garage anness lokata fi Triq il-Felukka, Marsaxlokk, L-Saver 650 Cabin, karozzi, garages enumerati 38 u 39 lokati fi Triq Cicerun f' Marsaxlokk, garage lokat fi Triq Cadeo f' Marsaxlokk, garage lokat fi Triq Dahlet Guzepp Stagno f' Marsaxlokk u kirja relatata mal-hanut Marina Restaurant lokat fi Triq ix-Xatt, Senglea.

5. Illi fit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet numru 2701/20 iddikjarat li l-medjazzjoni bejn il-kontendenti maghluqa, u awtorizzat lir-rikorrenti tipprocedi b' kawza ghas-separazzjoni personali fit-terminu impost mill-Ligi, u liema digriet qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala dok '**B'**.

6. Illi kull tentattiv ghas-separazzjoni bonarja bejn il-kontendenti ma tawx frott u dan ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimat.

7. Illi l-agir tal-intimat jintitola d-dekadenza versu tieghu mid-dritt li jircievi manteniment minghand martu.

8. Illi r-rikorrenti taf b' dawn il-fatti personalment.

Illi ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet surriferiti u imputabbli unikament lill-intimat, u ghall-finijiet tal-artikolu 48(C) tal-Kodici civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) tistabilixxi d-data meta l-istess intimat ghandu jkun kkunsidrat illi minnha hu kien hati tal-firda.

2. Tiddikjara li l-intimat ddekada permanentement mid-dritt li jircievi manteniment minghand martu b' effett mid-data fuq stabbilita jew b' effett minn kwalsiasi data ohra li jidhrila xierqa u opportuna.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna l-istess effetti formanti parti mill-komunjoni jigu divizi f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti, fid-dawl ukoll tad-data meta l-intimat nstab hati tal-firda, liema porzjonijiet jigu akkordati lil kull wiehed mill-partijiet fis-sehem taghhom mill-istess assi formanti tal-istess komunjoni, u dana okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi.

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma, u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumacja tal-intimat fl-eventwalita' kaz ta' bzonn.

5. Tordna u tawtorizza sabiex *pendente lite* u b' mod definittiv ir-rikorrenti tabita fid-dar matrimonjali 7, Margherita, Triq il-Felukka, Marsaxlokk u dan ad eskluzjoni tal-intimat.

6. Tappunta periti sabiex jaghmlu stimi tal-maisonette fi Triq San Pietru u San Pawl gewwa Senglea, terraced house lokata fi Triq il-Felukka, Marsaxlokk, L-Saver 650 Cabin, karozzi, garages enumerati 38 u 39 lokati fi Triq Cicerun f' Marsaxlokk, garage lokat fi Triq Cadeo f' Marsaxlokk u garage lokat fi Triq Dahlet Guzepp Stagno f' Marsaxlokk.

7. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

8. Tordna lill-intimat sabiex ihallas somma ta' manteniment *pendente lite* u b' mod definittiv fis-sentenza lir-rikorrenti personalment dik ir-retta alimentarja li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skont il-bzonnijiet tar-rikorrenti u skont il-mezzi tal-intimat, liema retta tkun pagabbli fil-jum li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa.

9. Tordna sabiex l-intimata tibqa' tippercepixxi nofs il-kirja tar-*restaurant* Marina, Triq ix-Xatt Senglea tul hajjitha *stante* li hija

hadmet minghajr ebda kumpens go dana l-fond hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza.

10. Tordna sabiex l-istess Qorti tappunta esperti sabiex jistmaw il-*goodwill* tar-restaurant Marina, Triq ix-Xatt Senglea stante li tali *goodwill* sar kollu matul iz-zwieg u bil-hila taz-zewg partijiet u ghaldaqstant r-rikorrenti ghandha tinghata nofs dana l-*goodwill*,

11. Tordna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni u krediti parafernali taghha.

12. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.**

**Rat ir- Risposta guramentata tal-intimat G M , fejn eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi din ir-Risposta guramentata qed issir ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 24 ta' Frar 2021 in segwitu ghar-rikors guramentat ta' M M tas- 17 ta' Frar 2021.

2. Illi t-talbiet attrici fir-rikors guramentat taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

3. Illi preliminarjament u b'referenza ghal dak allegat mill-attrici fir-rikors guramentat taghha f'paragrafu numru 3, u kif ukoll ghall-ewwel talba tal-attrici, jigi  eccepit li l-allegazzjonijiet maghmula minnha huma kollha inveritieri. Inoltre, mhux talli li l-esponenti ma huwiex responsabbli ghas-sitwazzjoni prezenti ta' bejn il-partijiet, izda kienet l-attrici stess illi ssoggettat l-esponenti ghall-abbuz mentali kontinwu matul iz- zwieg,  b'tali mod illi l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti giet resa impossibbli u z-zwieg tkisser irrevokabilment. Nonostante dan, l-esponenti baqa' jonora l-obbligi tieghu, sa fejn kien possibbli, lejn ir-rikorrenti u ghadu jghix maghha u jamministra il-beni taghhom, billi jiehu hsieb li jhallas l-ispejjez relattivi u jara li ma tkun nieqsa minn xejn stante li hi ma tahdimx u ma tridx tohrog tahdem, anke nonostante l-fatt li llum it-tfal ta' bejn il partijiet kibru u huma ta' età maggiorenni.

4. Illi b'referenza ghall-paragrafu ta' qabel dan, kif sejjer jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-attrici hija persuna manipulattiva u possessiva, tant li matul iz-zwieg kollu, kienet tghir ghal-esponenti minghajr ebda raguni valida, abbuzat b'mod kontinwu lill-esponenti bi kliemha u permezz ta' l-allegazzjonijiet kontinwi taghha u pruvat anke taljenah mit-tfal taghhom. Dan fost glied kontinwu instigat mir-rikorrenti fuq kollox u minghajr ebda raguni valida ghal dan, filwaqt li fil-hajja matrimonjali naqset milli tonora l-obbligi taghha naxxenti miz-zwieg  ta' bejniethom u milli tagixxi kif mistenni minn mara mizzewgga, hekk kif ser jigi ulterjorment pruvat fil-mori ta' din il-kawza, u matul il-perjodu kollu taz-zwieg taghhom hija wriet nuqqas ta' emozzjonijiet u azzjonijiet normalment abbinati ma dawk espressi bejn persuni mizzewwgin.

Addizjonalment l-esponenti qieghed kontinwament jigi soggettat ghal sevizzi u provokazzjonijiet serji instigati unikament mill-attrici.

5. Illi b'referenza ghal paragrafu numru 6 tar-rikors guramentat, jigi rilevat illi din il-kawza, giet intavolata mill-attrici wara process twil ta' medjazzjoni. Nonostante dan, jinghad illi tenut kont ir-rikjesti egoistici u mhux ekwi tal-attrici fil-konfront ta' l-esponenti f'tali proceduri bonarji, l-esponenti xorta wahda wera disposizzjoni qawwija sabiex, gialadarba r-rikorrenti kienet deciza li tipprocedi bil-firda personali, dan isir b'mod illi jwassal kemm ghal-protezzjoni tal-ghixien tar-rikorrenti kif ukoll sabiex jigi assigurat li dak kollu li hadem ghalih l-esponenti matul hajtu, ighaddi ghand l-ulied tal-partijiet, u mhux ghand terzi persuni, ladarba l-partijiet jew xi wiehed minnhom jigi nieqes. Madankollu, r-rikorrenti baqghat dejjem tibdel il-pretensjonijiet taghha u zzid it-talbiet tant li stante illi t-talbiet maghmula minna kienu esagerati, nieqsa mill-principju ta' ekwita' u maghmula unikament bi hsieb illi takkwista kemm jista' jkun beni sabiex issostni l-kapricci frivoli taghha, l-esponenti ma setghax ikompli jaccetta li jigi zvantaggjat b'mod tant sfaccat u esagerat.

6. Illi b'referenza ghat-tmien talba tal-attrici, filwaqt illi tali talba ghanda tigi michuda fl-intier taghha u dan ghar- ragunijiet kollha illi sejrin jigu prezentati waqt il-proceduri ta' din il-kawza, ghandu jinghad ulterjorment u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit illi tenut kont l-assi appartenenti lill-partijiet, ma hemm l-ebda raguni il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-hlas ta' manteniment minn parti lill-ohra u/jew li tiffissa retta alimentarja, specjalment stante li z-zewg partijiet ma ghandhomx impjieg u ma hemmx prospett li jidhlu

f’impjieg fiz-zmien li gej, anke tenut kont ta’ l-età’ taghhom u c-cirkostanzi kurrenti li ghaddej minnhom bhalissa pajjizna.

7. Illi in segwitu ghall-paragrafu ta’ qabel dan, kemm il-mezzi tal-esponent u kif ukoll il-bzonnijiet tal-attrici ma jaghtux lok li tali talba tigi milqugha. Inoltre, jinghad illi ghalkemm din it-talba kienet digà giet maghmula mill-attrici, lura f’Dicembru tas-sena 2020, din l-istess talba ma kienitx giet milqugha minn din l-Onorabbli Qorti. Di piu’, kif sejjer jigi pruvat waqt il-proceduri ta’ din il-kawza, l-attrici ma tistax tibqa’ tippretendi li wara li wasslet lill-esponenti sabiex ma jkomplix jahdem fir-*restaurant* tal-familja tieghu li kien jiggestixxi ghal-bosta snin, u dan principarjament minhabba l-ghira u s-suspetti infondati li wassluha sabiex taghmel il-hajja ta’ l-esponenti wahda mizera, tant illi ma kellux ghazla ghajr li jwelli l-hanut lil terzi, u issa tistenna illi tkompli tirrifjuta milli tohrog tahdem bhal ma ghamlet ghal dawn l-ahhar numru ta’ snin, filwaqt li fl-istess hin tistenna illi l-esponenti jaghmel tajjeb ghaliha bhal ma kien qieghed jaghmel matul iz-zwieg kollu taghhom, gialadarba kienet hi li kkagunat is-sitwazzjoni illi jinsabu fiha il-partijiet u gialadarba hija hi esklussivament li qiedgha tinsisti ghas-separazzjoni personali u ma tridx bl-ebda mod taghzel it-triq tar-rikonciljazzjoni.

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-eventwalita’ illi din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi sabiex tilqa’ t-tmien (8) talba tal-attrici, mela allura d-disa’ (9) talba ghanda tigi michuda, u vice versa u dan stante illi l-uniku introjtu li llum il-gurnata ghandhom il-partijiet gej mill-kirja tar-Restaurant Marina, fi Triq ix-Xatt, Senglea u l-esponenti ma ghandux introjtu iehor.

9. Illi b'referenza ghal u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici ma tistax tistenna illi l-esponenti jghaddilha somma ta' manteniment, u fl-istess hin tkompli tigbor nofs il-kera tar-restaurant mensilment, kif qieghda taghmel illum il-gurnata, liema restaurant huwa wirt ta' l-esponent, hekk kif ser jigi ulterjorment pruvat fil-mori ta' din il-kawza, u ghaldaqstant gialadarba ssehh il-firda personali bejn il-partijiet, l-attrici ma tkunx tista' tibqa' tibbenifika mir-rikavat u introjtu maghmul minn dan ir-*restaurant*.

10. Illi b'referenza ghal dak allegat fid-disa' (9) talba tal-attrici, ma huwiex minnu li l-istess attrici hadmet fir-*restaurant* tul hajjitha minghajr ebda kumpens. Kif sejjer jigi ampjament ppruvat matul dawn il-proceduri tali allegazzjoni hija inveritiera u minghajr bazi, u l-istess ghandu jinghad ghat-talba tal-attrici u dan stante li dan ir-restaurant kien gestit bhala negozju tal-familja li tramite ir-rikavat maghmul minnu kienet tigi mantnuta il-familja tal-partijiet. Bl-istess ragunament ta' l-attrici allura, anke l-esponent ma kienx jiehu paga ghaz-zmien kollu li kien jiggestixxi ir-restaurant ghaliex ir-rikavat kien imur ghall-ghjxien tal-familja u sabiex l-attrici tkun tista' taghmel il-kapricci taghha hekk kif sejjer jigi ulterjorment pruvat waqt il-proceduri ta' din il-kawza.

11. Illi b'referenza ghall-ghaxar talba tal-attrici, jinghad illi l-*goodwill* tal-hanut kien diga' gie stmat mill-attrici u l-esponenti flimkien lura fis-sena 2018 meta dahlu f'kuntratt ta' twellija ma' terz, li prezenzjament huwa l-kerrej tar-*restaurant*, u fejn flimkien qablu illi tali *goodwill* kien jammonta ghal hamsin elf Ewro (€50,000.00) u fejn kienu thallsu tali ammont minn dan l-istess terz kerrej, ossia s-sur AC . Jinghad illi dan l-ammont gie mhallas mill-istess Adrian

Camilleri, u jinsab f'*Joint Account* tal-partijiet, accessibbli ghat-tnejn li huma, u li dawn il-flus qatt ma ntmessu; (Kuntratt ta' twellija datat 26 ta' April 2018 hawn anness u mmarkat '**DOK. R1'**).

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, b'referenza ghal-istess ghaxar (10) talba, jekk kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti xorta wahda tappunta periti sabiex jistmaw il-*goodwill* tar-*restaurant* 'Marina', u dan nonostante dak provdut iktar 'fuq, l-ispejjez relatati ma tali periti ghandhom ikun a karigu esklussiv ta' l-attrici.

13. Illi l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhu minn din l-istanza sabiex jintavola kontro-talba a tenur ta' Artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Rat il- Kontro-talba tal-intimat GM fejn il-konvenut ippremetta s-segwenti:-**

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar il-wiehed u tletin (31) t'Ottubru tas-sena elf, disgha mija u sebgha u tmenin (1987), hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg , hawn anness u mmarkat bħala '**DOK KT1**'.

2. Illi minn dan iz-zwieg, twieldu zewgt (2) itfal, u cioe' B M u SM , illum maggiorenni.

3. Illi kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet giet resa impossibbli u dan minhabba ragunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti rikonvenzjonata, inkluz izda mhux biss l-immanipular u l-ossessjoni tal-istess attrici rikonvenzjonata u dan hekk kif matul iz-zwieg din dejjem uriet u esprimiet ghira li tmur oltre mill-limiti tar-ragionevolezza lejn l-esponenti, u li wasslu lill-attrici rikonvenzjonata sabiex b'mod kostanti tabbuza verbalment lill-esponenti billi dejjem tghajjru u takkuzah b'komportament li qatt ma avvera ruhu, aljenatu mit-tfal taghhom bl-attegjament u l-kliem taghha fil-presenza taghhom, dejjem sabet kull okkazzjoni sabiex tiggieled mieghu fuq kollox u minghajr ragunijiet validi, filwaqt li fil-hajja matrimonjali naqset milli tonora l-obbligi taghha naxxenti miz-zwieg ta' bejniethom u milli tagixxi kif mistenni minn mara mizzewga, hekk kif ser jigi ulterjorment pruvat fil-mori ta' din il-kawza, u matul il-perjodu kollu taz-zwieg taghhom hija uriet nuqqas ta' emozzjonijiet u azzjonijiet normalment abbinati ma dawk espressi bejn persuni mizzewwgin. Addizjonalment l-esponenti qieghed kontinwament jigi soggettat ghal sevizzi u provokazzjonijiet serji instigati unikament mill-attrici.

4. Illi inoltre ghal dak surreferit, r-rikorrenti rikonvenzjonata dejjem ghamlet minn kollox sabiex izzomm pussess u kontroll assolut fuq kull azzjoni tal-esponenti, u dan frott tal-istess atteggjament u ragunijiet provduti hawn fuq, tant illi matul iz-zminijiet, iz-zwieg bejniethom dejjem kien tumultuz u nieqes minn kull affezzjoni, u dan a kuntrarju ta' dak illi dejjem xtaq u stinka ghalih l-esponent.

5. Illi l-esponenti tant dejjem stinka ghat-triq tar-rikonciljazzjoni illi sa wasal biex ceda li ma jibqax jiggestixxi ir-restaurant (Marina, fi Triq ix-Xatt, Senglea) li kien hallilu missieru wara mewtu, u li l-esponenti sa minn dejjem kien jahdem u jistinka fih, u dan stante li minhabba l-hinijiet twal li tirrikjedi l-gestjoni ta' tali restaurant, l-attrici rikonvenzjonata kienet tghir u wasslitu sabiex imur jahdem man-nies fl-istess settur ossia go restaurant ta' haddiehor, filwaqt li r-restaurant tieghu spicca biex wellieh lil terzi u beda jaqla hafna inqas introjtu minn xogholu.

6. Illi jigi rilevat illi tali rieda u intenzjoni tajba, l-esponenti wrija wkoll fil-proceduri ta' separazzjoni bonarja li kienu ilhom ghaddejjin bejn il-partijiet ghal-diversi snin, izda nonostante kull tentattiv minn naha tal-esponenti, tali separazzjoni bonarja ma sehhitx u dan ghal ragunijiet esklussivament imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonata. Jinghad illi tenut kont ir-rikjesti egoistici u mhux ekwi tar-rikorrenti rikonvenzjonata fil-konfront tal-esponenti f'tali proceduri bonarji, l-esponenti xorta wahda wera disposizzjoni qawwijja sabiex, gialadarba r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet deciza li tipprocedi bil-firda personali, dan isir b'mod illi jwassal kemm ghall-protezzjoni tal-ghixien tar- rikorrenti rikonvenzjonata, kif ukoll sabiex jigi assigurat li dak kollu li hadem ghalih u li wiret l-esponenti matul hajtu, jghaddi ghand l-ulied tal-partijiet, u mhux ghand terzi persuni, ladarba l-partijiet jew xi wiehed minnhom jigi nieqes. Madankollu, r-rikorrenti rikonvenzjonata baqghet dejjem tibdel il-pretensjonijiet taghha u zzid it-talbiet esagerati, nieqsa mill-principju ta' ekwita' u maghmula unikament bi hsieb illi takkwista kemm jista' jkun beni sabiex issostni l-kapricci frivoli taghha, u sabiex tkompli tevadi milli tahdem bhal ma

ghamlet ghal dawn l-ahhar snin, filwaqt li l-esponenti jkompli jahdem ghaliha, hekk kif sejjer jigi ampjament ppruvat waqt din il-kawza.

7. Illi in segwitu ta' talba ghall-ottjeniment ta' manteniment mir-rikorrenti rikonvenzjonata lil din l-Onorabbli Qorti lura fid-disgha (9) ta' Dicembru 2020, din l-istess Onorabbli Qorti cahdet tali talba permezz tad-digriet taghha datat hdax (11) ta' Jannar 2021 bin-numru ta' referenza 70/2021. (Digriet hawn anness u mmarkat bhala '**DOK. KT2**').

8. Illi formanti fil-komunjoni tal-akkwisti, fost ohrajn hemm - Id-Dar Matrimonjali tal-partijiet, ossia Terraced House b'garaxx anness fi Triq il-Felluka Marsaxlokk, Maisonette fi Triq San Pietru u San Pawl gewwa Senglea, garaxxijiet enumerati 38 u 39 fi Triq Cicerun Marsaxlokk, garaxx f'Dahlet Guzepp Stagno Marsaxlokk, garaxx fi Triq Cadeo Marsaxlokk, erba' vetturi u Saver 650 Cabin. Jinghad illi matul il-proceduri ta' separazzjoni bonarja il-partijiet ottjenew valwazzjonijiet minn diversi entitajiet u persuni tal-propjetajiet u assi surreferiti. In oltre, jinghad illi hemm diversi kontijiet bankarji, kemm *joint* bejn il-partijiet, u anke personali.

9. Illi fost il-wirt, ta' beni mobbli u immobbli illi l-esponenti ircieva minghand missieru *causa mortis*, kif sejjer jigi provdut fid-dettall iktar l-isfel, l-esponenti gie assenjat lilu b'titolu ta' prelegat il-hanut 'Marina', fi Triq ix-Xatt, Senglea.

Illi dan il-hanut minn dejjem kien amministrat esklussivament mill-esponenti, u dan sa minn zmien ferm qabel iz-zwieg bejnu u bejn ir-rikorrenti rikonvenzjonata, u cioe', ghall-fini ta' ezattezza, sa mis-sena

1984. L-introjtu illi l-esponenti dahhal matul iz-zmien minn dan l-istess hanut, intuza ghall-ghixien komdu tal-familja tal-partijiet u dak li kien jibqa' kien jintuza ghall-ispejjez relatati ma' l-gestjoni ta' l-istess *restaurant* u l-propjetajiet l-ohra li ghandhom bejniethom il-partijiet, u li akkwistaw permezz tal-wirt ta' l-esponenti matul iz-zwieg.

Illi a kuntrarju ta' dak allegat mill-attrici rikonvenzjonata fir-rikors promotur taghha, hija ma ghamlitx hajjitha tahdem gewwa dan il-hanut, izda kienet biss tqatta numru qasir ta' sieghat filghaxijiet tghin lill-zewgha fin-negozju li kien jiggestixxi sabiex ikun jista' jghajjex lill-familja mir-rikavat. Apparti minn hekk, tali hidma dejjem kienet registrata mal-awtoritajiet kompetenti, kif sejjer jigi ppruvat matul dawn il-proceduri.

10. Illi l-esponenti waqaf jiggestixxi l-hanut surreferit wara li r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet ghamlitha impossibli lill-esponenti jkompli b'xogholu u dan stante l-ghira esagerata li kienet tesprimi meta l-esponenti kien ikollu jqatta sieghat twal sabiex jiggestixxi n-negozju taghhom.

11. Illi ghaldaqstant, l-esponenti dahal jahdem ma' terzi f'restaurant iehor, u f'April tal-2018, dan il-hanut gie trasferit lill- AC , permezz ta' Kuntratt ta' twellija, u fejn fl-istess kuntratt gie stabbilit mal-konjugi M , ossia l-partijiet fil-kawza odjerna, illi l-*goodwill* tal-istess hanut kien jammonta ghal hamsin elf Ewro (€50,000.00), u li liema ammont gie imhallas rispettivament lill-partijiet mal-iffirmar tal-istess kuntratt. Tali ammont gie trasferit f'*Joint Account*, intestat f'isem il-partijiet u li huwa accessibbli ghaz-zewg partijiet. (Kuntratt ta' twellija anness u mmarkat bhala '**DOK KT3**').

12. Illi madankollu, dan ma kienx bizzejjed ghall-attrici rikonvenzjonata u l-elementi ta' ghira dawrithom f'mibeghda u f'sevizzi kontinwi lejn zewgha u, abbazi ta' pariri ta' hbieb u qraba taghha li wkoll ghazlu t-triq tal-firda personali minn ma l-irgiel taghhom, hija wkoll ghazlet li tissepara minn ma' zewgha. Illi ghal dawn ir-ragunijiet sueccepiti, u ghal ragunijiet ohra li ser jigu prezentati waqt il-mori ta' din il-kawza, l-agir tar-rikorrenti rikonvenzjonata jintitola d-dekadenza versu taghha mid-dritt li tircievi manteniment minghand l-esponenti.

13. Illi l-esponenti qieghed jistitwixxi din l-istanza bis-sahha tal-awtorizzazzjoni ottjenuta mir-rikorrenti rikonvenzjonata.

14. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Tghid ghalhekk r-rikorrenti rikonvenzjonata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex prevja kull dikjarazzjoni opportuna u necessarja fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-Gustizzja:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet surreferiti u imputabbli unikament lir-rikorrenti rikonvenzjonata, konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Tiddikjara illi bl-agir taghha, ir-rikorrenti rikonvenzjonata ddekadiet permanentement minn kull dritt li titlob manteniment minghand l-esponent.

3. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet, u billi wkoll tigi stabbilita' data minn meta r-rikorrenti rikonvenzjonata ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lir-rikorrenti rikonvenzjonata fl-eventwali ta' kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment.

4. Tappunta periti sabiex jaghmlu stimi tat-Terraced House b'garaxx anness fi Triq il-Felluka, Marsaxlokk, tal-Maisonette fi Triq San Pietru u San Pawl gewwa Senglea, tal-garaxxijiet enumerati 38 u 39 fi Triq Cicerun Marsaxlokk, tal-garaxx f' Dahlet Guzepp Stagno , Marsaxlokk, tal-garaxx fi Triq Cadeo Marsaxlokk, tal-erba' vetturi u tal-bicca tal-bahar tal-ghamla 'Saver 650 Cabin'.

5. Tassenja lill-esponent d-Dar Matrimonjali b'garaxx anness fi Triq il-Felluka Marsaxlokk, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax din it-talba, tawtorizza lill-esponenti sabiex jghix esklussivament fil-fond matrimonjali *vita durante*, ad eskluzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonata.

6. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata, l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminazzjoni li titlef kull dritt li tiret lill-esponenti.

7. Tordna lir-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex thallas somma ta' manteniment *pendente lite* u b'mod definittiv fis-sentenza lill-esponenti personalment dik ir-retta alimentarja li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skont il-bzonnijiet tal-esponenti u skont il-mezzi tar-rikorrenti rikonvenzjonata, liema retta tkun pagabbli fil-jum li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa.

8. Tassenja l-hanut 'Marina' li jinsab Triq ix-Xatt Senglea u l-kuntratt ta' kirja relattiv lil-esponenti u tiddikjara illi stante li dan huwa prelegat mghoddi lil-esponent minn missieru *causa mortis*, gialadarba tigi pronunzjata s-separazzjoni personali minn din l-Onorabbli Qorti, l-attrici rikonvenzjonata ma jkollhiex aktar x'taqsam mall-hanut 'Marina', fi Triq ix-Xatt, Senglea u ma ghandhiex tibqa' tigbor kirjiet minnu.

9. Tordna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex tirrestitwixxi l-beni u krediti parafernali u dotali tal-esponent li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza u kif wkoll l-ispejjez li saru da parti tal-istess esponent qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti. Fin-nuqqas li r-rikorrenti rikonvenzjonata taghmel dan, l-esponenti jitlob lill din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundannaha thallas lill-esponenti dik is-somma li ghanda tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali suddetti.

B'referenza ghas-surreferit, fost ohrajn hemm is-segwenti beni u krediti parafernali tal-esponenti. Il-propjetà 'Glenmar' li kienet giet akkwistata mill-esponenti qabel iz-zwieg, u li giet trasferita matul iz-zwieg , sehem l-esponenti mill-wirt ta' missieru, liema sehem jinkludi bejgh ta' stocks u

azzjonijiet f'socjetajiet, bejgh  tal-propjetà 'Qronfla' ta' Triq il-Karmnu l-Fgura, bejgh tal-propjetà 'Saint Helen Flats' ta' Cospicua Road Fgura, il-bejgh tal-garaxx 'Marmike' fi Triq il-Karmnu l-Fgura, u sehmu minn flus depozitati b'kontijiet bankarji.

10. Tordna illi pendente lite u matul il-proceduri ta' din il-kawza, l-esponenti jkompli fl-amministrazzjoni tal-beni kolla appartenenti lill-partijiet, fosthom izda mhux limitatament fir-rigward il-gbir tal-kera mill-hanut 'Marina', fi Triq ix-Xatt, Senglea, il-hlas ta' kontijiet, manutenzjoni, hlas ta' Insurances u licenzji relatati mal-lista ta' beni li tinsab fir-raba' talba tal-esponenti f'din il-Kontro Talba, u kif wkoll tal-hanut 'Marina' li jinsab Triq ix-Xatt Senglea u t-taxxi relatati mieghu. Dan flimkien ma' kwalunkwe spejjez illi l-istess beni jipproducu, u fl-ahhar u mhux l-inqas, fir-rigward l-ispejjez relatati mal-manteniment tal-qattus tal-partijiet 'Troy' u tordna sabiex tali spejjez u nfiq jittiehdu direttament mill-kirja tal-hanut 'Marina' li jinsab Triq ix-Xatt Senglea illi tithallas lill-partijiet kull xahar, b'dan illi pendente lite, l-ammont rimanenti mill-kirja ghandu jinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali.

11. Tordna lill-esponenti sabiex jirregistra fir-Registru Pubbliku l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata minn issa ngunta in subizzjoni.**

**Rat ir-Risposta rikonvenzjonali ta'  MM,  li eccepiet is-segwenti :-**

1. Illi l-attrici rikonvenzjonata giet notifikata bil-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant u ghaldaqstant qieghda tipprezenta r-risposta taghha ai termini tal-Ligi.

2. Illi primarjament l-allegazzjonijiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma kollha infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghandhom jigu michuda *in toto* bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

3. Illi hekk kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, iz-zwieg tal-partijiet tkisser irremedjabilment wara li kien istess konvenut rikonvenzjonant li kellu diversi relazzjonijiet extra-matrimonjali matul iz-zwieg tal-kontendenti. Illi barra minnhekk, ricentament l-istess konvenut rikonvenzjonant ammetta li kellu anke relazzjonijiet sesswali ma' persuna ohra femminili dakinhar stess tat-tieg tal-partijiet.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-partijiet ghamlu diversi seduti ta' medjazzjonijiet, izda l-medjazzjoni bejn il-partijiet dejjem falliet *stante* li l-komparenti ragel dejjem ried jibqa' jimmanipola u jiddetta lill-attrici rikonvenzjonata dak li jrid hu u bl-intenzjoni li jzomm il-kontroll tal-assi tal-partijiet.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-attrici rikonvenzjonata kienet tghati support kontinwu lil zewgha u l-uliedhom meta kienu jiehdu hsieb ir-*restaurant* Marina, Triq ix-Xatt, Senglea. Illi, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, kienet l-attrici rikonvenzjonata li filghodu kienet tiehu hsieb id-dar, lill-uliedhom, u dak kollu relatat maghhom [uliedhom] specjalment fejn jidhol ix-xoghol tal-iskola taghhom u l-visti medici, u kull bzonn iehor li kellhom. Illi wara gurnata tiehu hsieb dan kollu, l-

istess attrici rikonvenzjonata kienet tmur tahdem ir-*restaurant* ghal diversi sieghat.

6. Illi l-attrici rikonvenzjonata tirrileva li a kuntrarju ghal dak allegat minn zewgha, hu kien itiha biss flus bizejjed biex tghix u cioe' biex tixtri bzonnijiet bazici bhax-xiri tal-ikel, u dan minhabba li l-konvenut rikonvenzjonant ma kienx jaqsam l-finanzi taghhom b'mod ugwali.

7. Illi a kuntrarju ta' kif inghad mill-konvenut rikonvenzjonant, id-decizjoni li jassenja r-*restaurant* hawn fuq imsemmi b'titolu ta' kera kienet wahda kongunta u ghalhekk kienet mehuda mill-kontendenti flimkien. Illi l-attrici rikonvenzjonata kienet infurmat lill-konvenut rikonvenzjonant li hija ghajjiet tahdem dawk is-sieghat kollha fl-eta' taghha u kienu l-partijiet flimkien li ddecidew li jwellu l-fond, kif infatti gara.

8. Illi, bir-rispett kollu, l-konvenut rikonvenzjonant ghandu mentalita' kerha li tirrifletti l-egoismu tieghu li jahseb li huwa ghandu drittijiet fuq il-komunjoni tal-akkwisti aktar minn martu, u dan kif din l-Onorabbli Qorti se jkollha l-opportunita' li tapprezza fil-mori tal-kawza.

9. Illi filwaqt li huwa minnu li f'dan l-istadju t-talba tar-rikorrenti rikonvenzjonata ghall-manteniment giet michuda minn din l-Onorabbli Qorti, l-komparenti ragel kien ilu li rrifjuta li ma jghatix aktar flus ghall-ghejxien li l-komparenti mara u dan ghamlu b'rikatt ghaliex ma qablitx ma' dak li ppropona hu matul l-process ghas-separazzjoni bonarja.

10. Illi rigward l-assi tal-partijiet, dawna se jigu pprezentati quddiem din l-Onorabbli Qorti u l-attrici rikonvenzjonata titlob li jekk terga' ssir stima

f'dan ir-rigward, l-ispejjez relatati ma' tali stima ghandhom jithallsu mill-kontijiet bankarji tal-konvenut rikonvenzjonant *stante* li l-flus tal-komunjoni tal-akkwisti zammhom taht il-kontroll assolut tieghu.

11. Illi l-attrici tixtieq tissottolinja li sabiex hadu f'idejhom ir-*restaurant* hawn fuq imsemmi, l-kontendenti kellhom jiehdu facilita' bankarja sabiex jhallsu sehem ekwivalenti ghal sehemhom mill-post lil ahwa konvenut rikonvenzjonant, hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza.

12. Illi rigward xoghol fir-*restaurant,* kif diga' indikat fil-premess il-komparenti ragel u kif ukoll il-komparenti mara, it-tnejn li huma kienu jahdmu fih u jikkontribwew ghall-funzjonar tieghu. In fatti, l-attrici rikonvenzjonata tant kienet essenzjali f'dan ir-rigward li meta l-attrici waqfet tahdem fir-*restaurant*, kien f'dan iz-zmien li huma wellew dan il-fond. Illi barra minnhekk, l-attrici rikonvenzjonanta ma kienetx tinghata paga ghal-hidma taghha f'dan ir-restaurant u kif ukoll ghandha irregolitajiet fil-hlas tal-bolla taghha *stante* li dejjem kienet thalli kollox f'idejn zewgha.

13. Illi rigward l-istima tal-*goodwill* u l-propjeta', dina saret qabel ma saret l-istima mill-professjonisti, u huwa essenzjali ghall-kawza odjerna li wiehed jirrimarka li l-istima provduta mill-istess professjonisti turi stampa ferm differenti, u dan kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza.

14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti, ghandha tichad it-talbiet tal-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant minhabba r-ragunijiet moghtija f'din ir-risposta, u tilqa' t-talbiet tar-rikors promotur tal-attrici rikonvenzjonata.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat is-sottomissjonijiet tal-attrici datata 18 ta' April 2024, u dik tal-konvenut datata 2 ta' Lulju 2024, u n-nota addizzjonali tal-attrici datata 11 ta' Lulju 2024.

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1.L-attrici ltaqghet mal-konvenut gewwa bar u kienu damu johorgu flimkien ghal erba' snin, meta ddecidew li jizzewwgu.

Tispjega li fl-1985 missier il-konvenut kien fetahlu bar go garaxx gewwa Senglea u minn dak iz-zmien u anke wara z-zwieg kienu jhallsu l-kera lill-missieru.

L-attrici tkompli tghid li kienu ddecidew li jikkonvertu l-garaxx f'restaurant u kienu nefqu hafna flus u tammetti li hajjithom kienet idur ma' dana l-bar/restaurant.

Mal-mewt tal-genituri tieghu, dan il-garaxx li gie kkonvertit f'bar/restaurant, ghadda f'idejn il-konvenut bhala parti mill-wirt tieghu u kellu jhallas is-somma ta' Lm45,000 (Lm9000 kull wiehed) lil hutu u dan skond it-testment. Dak iz-zmien peress li kienu ghadhom kem nefqu Lm31,000 sabiex jirrangaw ir-restaurant, kellhom jispiccaw jiehdu loan mal-Bank of Valletta plc. biex ihallsu lil hut il-konvenut.

Dwar id-dar matrimonjali, l-attrici ssemmi li l-konvenut kien xtara maisonette Haz-Zabbar u dan kien qabel ma zzewwgu. L-attrici tghid li hi kienet ghamlet il-kcina, il-kamra tal-ikel, il-kamra tas-sodda, il-bibien u l-istudju u kienet hallset kollox hi.

Sussegwentement, bieghu dina l-maisonette, bl-ghamara li kien hemm go fiha, hlief ghall-kamra tas-sodda u bdew jimlew id-dar ta' Marsaxlokk.

L-attrici tishaq li tul iz-zwieg, dejjem irnexxielha tkampa b'kollox, id-dar, it-tfal u anke tghin fir-restaurant. Ittenni li l-konvenut kien ighaddilha bejn €150/200 fil-gimgha biex tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja, filwaqt li l-konvenut kien idahhal ammont sostanzjali ta' flus mir-restaurant u kien dejjem jiddeposita l-flus fil-kont bankarju tieghu. Jekk kienet tixtri xi hwejjeg jew tiehu lit-tifla ghand il-psikjatra kienet turih l-ircevuti u hekk kien ihallasha. Il-bqija tghid li kienet thalli kollox f'idejh.

L-attrici izzid tghid li kienet tahdem kuljum fir-restaurant u l-konvenut kien jinsisti li tiflah jew ma tiflahx ikollha tinzel. Ghal dan tghid li l-konvenut qatt ma taha paga u lanqas ma kien ihallas bolol, izda kien qed jipprova jara x'kien ser jaghmel f'dan ir-rigward.

Ghall-attrici, il-konvenut kien jaghti hafna kunfidenzi lin-nisa ohra u kienet bdiet tissuspetta hazin f'wahda mara E, li kienet impjegata maghhom. Kienet ikkonfrontat lill-konvenut fuq *love bite* li kienet ratlu u hu beda jinnega, fejn insista li kull ma kellu kienet allergija. Kien anke stedinha ghall-Maghmudija tat-tifel, izda eventwalment kienu keccewha u l-attrici hafritlu.

Cirka ghaxar snin ilu, l-attrici tispjega li l-konvenut kien talabha separazzjoni u dak iz-zmien kien indunat li kellu certi kunfidenzi ma' wahda G li kienet tmur il-hanut bhala salesgirl. Kellhom glied shih, tant li spiccaw il-Qorti, izda kienet iddecidiet li terga' tahfirlu u regghu rrikonciljaw. Kien hawn li ddecidew li jwellu l-hanut lil terzi u jgawdu ftit. Fil-fatt tghid li fiz-zmien sena u nofs siefru hafna u kienu saru close hafna.

Imma dan ma damx hafna zmien, ghaliex meta kienu Londra u xtara keychain bil-kliem "gorgeous" fuqhom kienet regghet bdiet tissusspetta li seta' kien hemm xi haddiehor. Malta regghet sabitlu xi messaggi li kienu jidhru certu kunfidenzi zejda. Minn hawn rega' beda hafna glied.

Il-konvenut kien waqaf ighaddilha l-manteniment u kienet mnn jeddha marret ghand il-persuna li kera r-*restaurant* minghandhom u kienet talbitu sabiex jibda jghaddilha nofs il-kera u hekk ghamel u b'hekk kellha sabiex tghijex lilha nnifisha u lit-tfal. Kienu ftehmu mal-kerrej il-gdid li jaghtihom €50, 000 rigal u tikkonferma li kienu ddepositawhom f'kont il-Banif Bank u tghid li l-konvenut zied €20, 000 maghhom li kien ha mill-*joint account.*

L-attrici tishaq li l-konvenut ammetta maghha li kien anke kkommetta adulterju fit-tieg u li kellu tfal minghand haddiehor. Dawn is-suspetti u l-glied kontinwu wassal li kien impossibli ghalihom li jibqghu jghixu flimkien.

Dwar proprjetajiet li kellhom flimkien l-attrici tikkonferma li kienu bieghu d-dghajsa u qassmu l-flus. Kien hemm zewg proprjetajiet fejn qed ighixu rispettivament u erba' garaxxijiet. Kien hemm ukoll erba' vetturi u wahda minnhom tghid li saret taf li hija ggaraxxjata.

2. Il-konvenut jikkonferma li kien beda jiggestixxi l-bar "Macina" li kien ta' missieru minn meta ghalaq tmintax-il sena ghaliex hutu ma kinux interessati fih.[1] In kontro-ezami jikkonferma li kien impjegat ma' missieru u kien ihallas Lm150 fis-sena bhala kera u dan meta missieru kien ceda n-negozju.

Kien hawn li sar jaf lill-attrici u hass li kienet il-mara ta' hajtu. Kien jahdem hafna fil-bar sabiex igemma l-flus biex jitlaq mid-dar ghaliex il-genituri tieghu kienu ghaddejjin minn zmien difficli, kif ukoll peress li ried jibda hajtu mal-attrici. Kien jahdem sas-sieghet bikrin ta' filghodu u l-attrici kienet tahdem bhala chambermaid u ghalhekk ftit li xejn kellhom hin x'iqattghu flimkien.

Kien iddecieda li jixtri proprjeta' Haz Zabbar vicin tad-dar tal-genituri tal-attrici u peress li l-attrici ma kellhiex flus, iddecieda li jixtri l-post hu. Kien xtara l-post fl-1983 u din kienet gebel u saqaf ghall-prezz ta' Lm5000.[2] Kien dam sal-1987 jahdem fil-post sabiex jirrendih abitabbli. Kienu eventwalment bieghu dan il-post fiz-zwieg ghall-prezz ta' Lm17,000.[3]

---

[1] Doks. GMA 1
[2] Dok. GMA 2
[3] Dok. GMA 3

Il-konvenut isemmi li kien ghamel il-maggorparti tax-xogholijiet hu fi hdan il-post, filwaqt li l-attrici kienet hadet hsieb taghmel il-kcina, il-kamra tas-sodda u l-kamra tal-ikel, liema kamra tas-sodda ghadha tintuza sallum. Sfortunatament, ighid li ghalkemm kien zamm l-ircevuti kollha ta' dawn l-ispejjez li ghamel ma setax isibhom fid-dar matrimonjali.

Il-konvenut jikkonferma li ghaz-zwieg taghhom kien nefaq hafna flus sabiex jikkuntenta lill-attrici.[4]

Fl-1984 il-kirja tal-bar fejn kien jahdem u ghalhekk missieru kien ikkonverta garaxx li kellu l-Isla f'bar sabiex hu seta' jahdem hemm. Jispjega li missieru kien applika ghall-permessi kollha u beda jahdem hemmhekk.[5] Dan il-bar beda jintuza bhala *snack bar* u jispjega li kien ihallas Lm150 fis-sena bhala kera tal-post lil missieru. Eventwalment inqaleb ghall-pizzeria u l-attrici kienet tinzel hemm hafna drabi sabiex tghin, izda minn hawn bdiet turi sinjali ta' ghira.

Fl-1989 kellhom l-ewwel tifla S  u peress li kien jahdem hinijiet twal, lill-attrici kien jinsisti maghha li ma kellhiex ghalfejn toqghod tinzel il-hanut. Kien anke jitlob lil ommu sabiex darba fil-gimgha tohrog maghha mat-tifla peress li kien ikun imhabbat. Peress li kien beda jizdied sew ix-xoghol u kien qed ihoss li ma kienx qed ilahhaq wahdu, ried jimpjega xi hadd biex ighinu u l-attrici bdiet topponi, izda fl-ahhar dahhal xi hadd biex tal-anqas jahsel l-art tal-hanut darba fil-gimgha.

---

[4] Dok. GMA 5

[5] Dok. GMA 4

Fl-1989 kellu *rash* u l-attrici ddecidiet li kellu “love bite” haga li jichad kategorikament u kien inqala’ hafna ghawg anke mal-familjari. L-attrici ffissat li ma kienx lejali lejha u kienet tqajjem dina l-kwistjoni kuljum.

Ighid li l-attrici kienet tip ta’ persuna ostinata li dejjem riedet li tghaddi taghha. Peress li ma tantx kien joghgbu l-konfront dirett kemm il-darba kien ibaxxi rasu u tghaddi tal-attrici u jikkuntentaha f’kollox.

Ikompli jispjega li fl-2000, hu u missieru kienu ddecidew li jikkonvertu l-*pizzeria f’take away* u minn dak iz-zmien ix-xoghol zdied sostanzjalment, tant li missier il-konvenut kien issuggerixxa li l-attrici tibda tahdem mal-*cash* sabiex ikun hemm iktar kontroll u ghalhekk kienet bdiet tahdem bhala “part-time casual” ghaliex ma kienx hemm lok ghall-*full timer*.

Imbaghad dan it-*take away* sar *restaurant* u l-konvenut jinsisti li l-flus li kienu jdahhlu kien jidhlu f’kont wiehed, li kien u baqa’ jintuza ghal kull infieq li kien hemm. Mill-introjtu l-ewwel kienu jaqtghu €800 sabiex minnhom l-attrici setghet tixtri l-bzonnijiet ta’ kuljum. Il-bqija kienu jigu ddepositati fil-kont minn fejn kienu jhallsu kollox. Apparti minnhekk il-konvenut ighid li kien jiehu hafna ikel id-dar mill-hanut, izda ugwalment l-attrici kienet tonfoq il-flus kollha li kienu jwarrbu ghall-hajja.

Bejn l-2004 u 2006 kienu mietu l-genituri tieghu u peress li fit-testment, ommu kienet hallietlu pre-legat tal-hanut li kien jahdem fih, kellu jghaddi Lm9,000 lil kull wiehed minn hutu fiz-zmien sena mill-mewt ta’ missieru. Dan ghamlu billi uza dak li qala’ mill-wirt tieghu. In kontro-ezami jghid li kellu jiehu *loan* sabiex ihallas lil hutu ghax ma kellux dawk il-flus.

Jispjega li sadanittant hu u martu kienu qed ighixu komdi hafna u kienu finanzjarjament stabbli hafna, tant li kienu johorgu ta' spiss u jsiefru hafna bhala familja u jieklu fl-aqwa restaurants Malta u Ghawdex. Dan kien kollu gej minhabba li kien jahdem u jistinka hafna u kien jamministra l-beni tieghu sew, izda jilmenta li l-attrici ma kinitx tapprezza dan kollu u dejjem kienet baqghet konfrontattiva fil-konfront tieghu.

Itenni li anke jekk kemm il-darba kien jipprova dejjem itejjeb il-qaghda finanzjarja taghhom bhal jinvesti fil-proprjeta', l-attrici xorta baqghet distanti minnu. L-ghira kienet baqghet hemm u l-attrici kienet dejjem tigbed habel wiehed bhal meta gieghlitu jnehhi l-Facebook account minhabba li kienu jaghmlulu "like" xi nisa u gieghlha tnehhi taghha. Imbaghad sar jaf li l-attrici kienet regghet fethet account sa mis-sena 2020.

Dwar il-nuqqas ta' bolol li bihom kienet takkuzah l-attrici, ighid li l-attrici qatt ma giet imgieghla tahdem fir-*restaurant*, izda meta bdiet tahdem fl-2004 fuq bazi *part-time casual* ma kienx hemm obbligu li jhallsilha l-bolol. Kien anke gieghlha tivverifika x'bolol kellhom imhallsin, izda qatt ma riedet. In kontro-ezami jsostni li l-attrici baqghet irregistrata bhala *casual worker* sas-sena 2018 meta wellew il-hanut. Ghandu t-*termination forms* tieghu, tal-attrici u anke tat-tifla u anke hallas il-bolol ta' certu perjodu u dan sas-sena 2018.

Il-konvenut isostni li mill-2014, l-attrici bdiet titbieghed minnu kemm emozzjonalment kif ukoll fizikament u anke bdiet torqod f'kamra separata. Bdiet tohrog ma' shabha u tmur Paceville u tiffrekwenta bars. Issemmi ukoll li fis-17 ta' Jannar, 2015 meta kienu diga' bdew il-proceduri ta' separazzjoni, kienet ghamlet lejl barra u kien ghamel rapport mal-Pulizija.

Jichad kategorikament li kien vjolenti mal-attrici u li kien hemm biss darba li spiccaw kellhom argument jahraq u kellha tidhol fin-nofs il-pulizija u l-Qorti kienu hafru lil xulxin u dan kien ghall-habta tas-sena 2014.[6]

Il-konvenut jinsisti li qatt ma ried jissepara u kienet l-attrici li bdiet bil-proceduri u nsistiet li jitkomplew. Wara li kien hemm medjazzjoni fejn l-attrici allegat li kellu relazzjoni ma' certu G kienu rrikonciljaw.

Ighid ukoll li l-attrici twahhal fil-hanut u l-fatt li kien jqatta' hafna hin jahdem hemmhekk. L-attrici kienet tinsisti mieghu li kellu jwelli l-hanut, izda ma kinitx decizjoni facli ghalih ghax kien ilu jahdem hemm minn mindu kien zaghzugh. Sadanittant kienet tinzel biss filghaxijiet biex toqghod mal-*cash* u ma kinitx tghin mod iehor. Fl-ahhar gie kostrett li jwelli l-hanut.

Fl-ahhar kien wella l-hanut lil certu AC ghall-perjodu ta' ghoxrin sena u t-twellija kienet b'kunsiderazzjoni ta' €50,000 rapprezentanti *goodwill* u €100 ghal kull gurnata ta' twellija. Dina d-decizjoni ttiehdet flimkien mal-attrici wara li hadu parir minghand in-Nutar Patrick Critien f'laqgha li kellhom fis-16 ta' Mejju, 2018.

Jammetti pero' li wara li wella l-hanut ghamel sajf ma jahdimx u ma kienx qed ihossu kuntent peress li kien imdorri jahdem. Kien ghalhekk li kien iddecieda li jimpjega ruhu bhala kok u kien pjuttost *shock* ghalih peress li ma kienx qed imexxi hu.[7]

---

[6] Dok. GMA6
[7] Dok. GMA 4

Minkejja li issa kellu paga u l-kirja tal-hanut, l-attrici qatt ma marret tahdem u baqghet tghix il-hajja ta' qabel tonfoq flus fuq xagharha, botox, id-dwiefer u jieklu barra hafna u jsiefru hafna ukoll. Kienet tiehu nofs il-kera li kienu jiehdu tal-hanut, filwaqt li l-konvenut jikkonferma li hu kien jhallas l-ispejjes l-ohra kollha li kienu sostanzjali u kull ma kien jibqa' kien cirka €200.

Il-konvenut jammetti ukoll li anke jekk l-posizzjoni finanzjarja taghhom mhix tajba daqs meta kellhom ir-*restaurant*, ugwalment ghandhom somom ta' flus imwarrbin:-

- Joint account 00592978101 - €70,000 (€50,000 (goodwill) + €20,000 (savings
- Fixed bank accounts 40025094776 u 40013829607 rispettivament - €30,000 kull wiehed
- Bejgh tad-dghajsa - €45,000 – iddeposita €22,500 f'kont mal-Bank of Valletta plc.

Itenni li mbaghad l-attrici ghandha xi kontijiet taghha li ma jafx bihom.

Meta bdiet tippretendi li tiehu sehemha mill-kirja u ma thallasx spejjes irrifjutat li tasal ghall-ftehim ghas-separazzjoni bonarja u riedet tkompli bis-separazzjoni.

Presentement jikkonferma li l-attrici qed thallas nofs l-ispejjes tal-Go plc., tal-Melita, tad-dawl u ilma tal-meters, tal-mobile u l-ikel tal-qattus. Irrifjutat li thallas sehemha tat-taxxa, rapprezentanti 15% tal-kirja annwali, kif ukoll nofs l-ispejjes tal- erba' vetturi, inkluz l-insurance, il-licenzji u s-services taghhom.

Illum ihoss li l-attrici kienet biss interessata fil-flus u ma kinitx jimportaha minnu, ghalkemm dejjem ghamel l-almu tieghu sabiex isalva z-zwieg, izda kien sar insopportabbli jghix maghha,

3. **Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet irrizultaw is-segwenti kontijiet f'isem il-konvenut:-

i) Savings account 16500675039 ghadu miftuh[8]
ii) Loan deposit account 40018251212 maghluq[9]
iii) Term deposit account 40019370493 maghluq[10]
iv) Term deposit account 40019907552 maghluq[11]
v) Term deposit account 40020566502 maghluq[12]
vi) Term deposit account 40020967280 maghluq[13]
vii) Term deposit account 40021197729 maghluq[14]
viii) Term deposit account 40021210680 maghluq[15]
ix) Term deposit account 40021754133 maghluq[16]
x) Term deposit account 40021983593 maghluq[17]
xi) Savings account 40022076548 maghluq[18]
xii) Term deposit account 40022926779 maghluq[19]
xiii) Savings account 40023004030 maghluq[20]

---

8 Dok. JB 1
9 Dok. JB 2
10 Dok. JB 3
11 Dok. JB 4
12 Dok. JB 5
13 Dok. JB 6
14 Dok. JB 7
15 Dok. JB 8
16 Dok. JB 9
17 Dok. JB 10
18 Dok. JB 11
19 Dok. JB 12
20 Dok. JB 13

xiv) Term deposit account 40025094776 ghadu miftuh[21]

xv) Savings account 40025254590 ghadu miftuh[22]

xvi) Current account 40026102023 ghadu miftuh[23]

xvii) Savings account 50013663374 ghadu miftuh[24]

Ziedet tghid li kien hemm kont iehor numru 40012042278 f'isem il-konvenut li llum huwa maghluq, izda ma kinux saru transazzjonijiet u ghalhekk ma kellhiex statements tal-istess kont. Tikkonferma li dan il-kont kien inghalaq mill-Bank.

Jikkonferma li kien hemm *main platinum card* f'isem il-konvenut u kien hemm *supplementary* f'isem l-attrici, liema card giet ikkancellata fil-11 ta' Novembru, 2020. Il-main card ghadha valida.[25]

Jirrizulta li kien hemm ukoll *gold card* f'isem il-konvenut li giet ikkancellata fl-2014.[26]

Jirrizultaw ukoll zewg kontijiet joint f'isem il-partijiet:-

i) Overdraft 16509337019 maghluq[27]

ii) Motor loan account 40018609071 maghluq.[28]

F'isem l-attrici rrizultaw is-segwenti kontijiet:-

[21] Dok. JB 14
[22] Dok. JB 15
[23] Dok. JB 16
[24] Dok. JB 17
[25] Dok. JB 18
[26] Dok. JB 19
[27] Dok. JB 20
[28] Dok. JB 21

i) savings account 40012614855 miftuh[29]

ii) term deposit 40013829607 maghluq[30]

iii) term deposit 40021170500 maghluq[31]

iv) savings account 50014534457 miftuh[32]

F'isem MM jirrizulta li kien hemm is-segwenti kontijiet:-

i) Account 16500449016 maghluq[33]

ii) Savings account US dollars 40014084742 maghluq[34]

Dwar numru MT 5021254 dawn huma listed securities tal-Bank of Valletta plc. Mal-Malta Stock Exchange u wahda minnhom hija mnizzla bhala "previously listed" u ggib in-numru 21254.[35]

Dwar il-kont li jgib in-numru 40015369893 f'isem JM, AM , GM , EG u BM dan huwa joint account bejniethom u llum huwa maghluq.[36]

Tikkonferma ukoll li jekk il-kontijiet huma maghluqin ifisser li m'hemmx fondi go fihom.

4. **Rowena Azzopardi**, in rapprezentanza ta' BNF tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji:-

---

[2929] BOV 1

[30] BOV 2

[31] BOV 3

[32] BOV 4

[3333] Dok. BOV 5

[34] Dok. BOV 6

[35] Dok. BOV 7

[36] Dok. BOV 8

i) accounts li hemm mizmumin f'isem il-partijiet. Kien hemm wiehed current account li ghadu miftuh, term deposit li huwa maghluq

Tikkonferma li l-attrici m'ghandhiex kontijiet f'isimiha.

Ipprezentat ukoll statement tal-accounts tal-kont li jispicca 10.001, *term deposit accounts statements*, document li juri l-*bank withdrawals*, bank draft mahrug minn naha tal-BNF payable lill-attrici , dokument li jitlob zewg firem sabiex issir it-transazzjoni, kif ukoll *term deposit certificate*.[37]

Dwar it-*Term Deposit account* jikkonferma li li dina timmatura fit-23 ta' Awissu, 2023.

4. **Dr. Miguel Balzan** in rapprezentanza ta' CFR jikkonferma li l-attrici mhix registrata l-VAT.[38] Izid ighid li l-konvenut huwa rregistrat bhala *sole trader* b'VAT numru MT 10861411 li m'ghadux attiv u pprezenta r-*returns* minn 2011 'l quddiem.[39]

5. **Louis Buhagiar** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-*employment history* tal-partijiet. [40]

6. **Karen Azzopardi** in rapprezentanza ta' Ben Estates tghid li kienet giet ikkuntatjatha mill-partijiet sabiex taghmel stima ta' post Marsaxlokk kif ukoll xi proprjetatjiet ohra.[41] Ma setghetx tiftakar jekk kinitx tat stima tar-restaurant.

---

[37] Doks. 1 – Dok. 7
[38] Dok. MB1
[39] Dok. MB 1
[40] Doks. LB 1 u LB 2
[41] Dok. KA

7. **Joseph Debono**, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kkonfermat li kien infurmat li l-partijiet kienu qed jisseparaw[42] u pprezenta s-segwenti dokumenti:-

i) Return tas-sena bazi 2015[43]
ii) Return tas-sena bazi 2016 + profit and loss[44]
iii) Return tas-sena bazi 2017[45]
iv) Net profit tas-sena bazi 2018[46]
v) Return tas-sena bazi 2019 u ma kienx hemm profit[47]
vi) Zewg dhulijiet tas-sena bazi 2020[48]
vii) Summary ta' dak li pprezentat.[49]

9. **James Stagno Navarro** agent tal-proprjeta' ma' Homes of Quality fil-kumpanija ta' Frank Salt jikkonferma li l-konvenut kien cempel fl-ufficcju u kien mar ma' zewg kollegi Marsaxlokk fejn raw dar u maisonette Senglea u kien ikkuntatja lill-konvenut u kien tah stima verbal tal-istess proprjetajiet.

10. **Louiselle Briffa** agenta tal-proprjeta' ma' Dhalia Real Estate tikkonferma li kienet marret id-dar tal-partijiet, izda qatt ma harget stima ufficcjali pero' ftakkret li dakinhar kienet kitbet fuq karta x'hasbet li kien il-valur tal-istess proprjetajiet.

---

[42] Dok. JD 1
[43] Dok. JD 2
[44] Dok. JD 3
[45] Dok. JD 4
[46] Dok. JD 5
[47] Dok. JD 6
[48] Dok. JD 7
[49] Dok. JD 8

11. **Ian Fenech** agent tal-proprjeta' ma' Remax jikkonferma li kien mar ma' kollega sabiex jara post Marsaxlokk tal-partijiet, kif ukoll maisonette l-Isla pero' ma setax jiftakar l-*valuation* li ta dak il-hin.

12. **Vanessa Camilleri** in rapprezentanza ta' Transport Malta tikkonferma li f'isem l-attrici ma kinux jirrizultaw vetturi[50] u dwar il-konvenut tipprezenta dokumenti li jindikaw il-vetturi li presentement hemm irregistrata f'ismu u dawk li kienu rregistrati f'ismu fil-passat.[51]

13. **Rebecca Farrugia Scerri** in rapprezentanza ta' St. Elizabeth Home tikkonferma li l-konvenut qatt ma kien impjegat maghhom, izda kellhom kuntratt ma' supplier Nigret Limited u l-konvenut kien jahdem ma'dina l-istess kumpanija.

14. **Carmel Farrugia**, Financial Controller ghall-Montecristo Estates jikkonferma li l-konvenut kien jahdem fil-kcina bhala chef jew assistant chef ghall-perjodu bejn 31 ta' Lulju, 2020 sa Frar, 2021. Ma kienux tawh kuntratt ta' impjieg. Jikkonferma li ma setax jiftakar ghalfejn intemm l-impjieg, izda ma kienx hemm ragunijiet dixxiplinarji.

Esebixxa l-FS 3 tas-sena 2020, flimkien mal-payslips,[52] kif ukoll l-FS 3 tas-sena 2021, inkluz il-payslips.[53]

---

[5050] Dok.s VC1 u VC 2
[51] Doks. VC 3 u VC 4
[5252] Dok. CF1
[53] Dok. CF2

15. **AM,** hu l-attrici jghid li kien sar jaf lill-konvenut meta beda johrog ma' ohtu. Ighid li l-attrici hija bniedma rizervata u qatt ma kienet tkellmet mieghu dwar il-problemi mal-konvenut.

Tikkonferma li l-attrici kienet tafda lill-konvenut b'ghajnejha maghluqa u kienet tkun mieghu l-hanut il-gimgha kollha, tant li lanqas kien ikollha hin biex tmur tara lil ommhom.

L-ewwel darba li kien sar konxju li kien hemm problemi kien meta ohtu A kienet cemplitlu biex taghrfu li l-partijiet kellhom xi jghidu u li l-attrici kienet il-*polyclinic* peress li l-konvenut kien ipprova jifgahha.

Jammetti li xi gimghat qabel kien ra lill-konvenut flimkien ma' tfajla fil-pjazza ta' Rahal Gdid u kien mar hdejh u halla lil dina t-tfajla wahedha. Ighid li kien raha stramba, izda qatt ma kien qal xejn lil ohtu.

Ighid li l-attrici kienet iddispjacuta peress li ma kinitx l-ewwel darba li l-konvenut kellu relazzjoni extra-matrimonjali u kienet hafritlu.

16. **Mary Carmen Borg** in rapprezentanza ta' Nigret Ltd. Ipprezentat il-kuntratt u l-payslips ta' meta l-konvenut kien jahdem maghhom.[54] Kien jahdem bhala kok u kien dam xi sena u ghaxar xhur. Kien telaq fl-2020. Ipprezenta ukoll id-dokumentazzjoni relatata mat-tmiem l-impjieg tieghu.[55] Tghid li r-raguni ghalfejn telaq il-konvenut kien minhabba li akkuzahom li qed ibabsulu l-paga. Kien qed jinsisti li kien qed jahdem siegha zejda u ma kienux qed ihallsuh

---

[54] Doks. MCB 1
[55] Doks. MCB 2

skond il-ligi, Imbaghad waslu ghall-settlement u tawh xi €1957 u nghalaq il-kaz u kienu ukoll hallsu t-taxxa fuqha.

17. **Carmel Borg** jikkonferma li huwa jiehu hsieb l-accounts tal-partijiet u dan fiz-zmien li l-partijiet kellhom il-hanut/restaurant. Mill-2018 il-hanut kien inghalaq u jikkonferma li llum qed jiehu hsieb il-kera li jircievu.

Ipprezenta il-*profit and losses* mill-2009 sas-26 ta' April, 2018.[56]

Jikkonferma li l-attrici kienet tahdem bhala *helper* mal-konvenut bejn is-6 ta' Marzu, 2017 u spicca fis-26 ta' April, 2018, izda ma kinitx impjegata mieghu u kien ipprezenta l-FS3's taghha. L-ammonti li qalghet fit-2017 kienu ta' €4300 u fl-2018 €1700 rispettivament.

Dwar il-konvenut jikkonferma li m'ghandux FS3's peress li kien *self-employe*d. Dwar il-prospetti tat-taxxi jikkonferma li dawn qedghin ghand il-konvenut.

18. **LD** kienet klijenta tal-partijiet u ilha tafhom 'l fuq min 25 sena. Tghid li kienu saru hbieb hafna u gieli kienet anke tiehu hsieb lit-tfal.

Tghid li l-partijiet kienu jahdmu hafna u kienu dejjem mimlijin. Biex tkellem lil-attrici kienet tistenna sa wara nofsillejl hafna drabi wara li x-xoghol ikun batta'.

Xi tmien snin ilu tghid li l-attrici kienet fethet qalbha maghha li kienet qabdet lill-konvenut jikkomunika ma' mara ohra u maz-zmien kienet saret

---

[56] Doks. CB 1

taf li ma kinitx l-ewwel darba. Tghid ukoll li minkejja kollox, l-attrici kienet hafret lill-konvenut.

19. **Fr. Robin Camilleri** jikkonferma li jaf il-partijiet u dan minhabba li kien jiffrekwenta l-hanut taghhom, imur jiehu kafe' jew jiekol xi haga. Ighid li l-konvenut kien isajjar, filwaqt li l-attrici kienet tiehu hsieb l-imwejjed.

L-iktar li kienet kellmitu kienet l-attrici fuq l-infedelta' ta' zewgha u kienet inkwietata hafna. Kien solidari hafna maghha u meta rrangaw kien ferah hafna.

Il-konvenut kien mar ikellmu sabiex jara jekk kienx ser jitla' jixhed u kien avzah li ser ighid il-verita'.

20. **Lorraine Attard** in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. Xehdet dwar kontijiet bankarji f'isem l-attrici u MM. F'isem M M tikkonferma li jirrizulta li kien hemm

i) current account 087061297001 li llum huwa maghluq.[57]
ii) Loan account mal-Mortgages Department 38038285 maghluq.[58]

F'isem l-attrici wahedha tikkonferma li ma sabitx accounts. Kien hemm tlett investment accounts joint mal-konvenut li llum jinstabu maghluqin.[59]

---

[57] Doks. HSBC 1
[58] Doks. HSBC 2
[59] Doks. HSBC 3 – HSBC 5

21. **AC** kien kera l-hanut/restaurant minghand il-partijiet. Kienu ghamlu skrittura privata fis-26 ta' April, 2018 u kien dam jiggestixxi l-hanut sa Ottubru, 2021. Skond l-iskrittura kellu jghaddi lill-partijiet is-somma ta' €50, 000 ghall-avvjament u klijentela.

Illum jikkonferma li r-*restaurant* qed jopera taht wiehed Belgjan u kien ha rigal minghandu ukoll u tah percentagg lura lill-partijiet.

Bhala kera jikkonferma li kien ihallas €3100 kull xahar. Ghall-bidu kien ighaddi l-flus lill-konvenut, imbaghad beda jaqsam il-kera u johrog zewg cekkijiet ghal kull wiehed mill-partijiet u dan fuq talba taghhom stess.

22. **Andrew Pizzuto in rapprezentanza ta' Melita Unipol Insurance Agency** jikkonferma li l-Marina Restaurant ma kellhix polza ta' assikurazzjoni maghhom u dan fl-2001. Kien hemm polza bejn Mejju 2017 u Marzu 2018.

Ikkonferma li kien hemm ukoll policy number P0700066X/21 li kienet home policy fuq il-fond number 2, Triq San Pietru u San Pawl, Isla.

Ipprezenta ukoll Home Insurance Policy No P52010383 ghall-perjodu 14 ta' Jannar, 2021 sat-13 ta' Jannar, 2022 ghall-fond 92, Margherita, Triq il-Felukka, Marsaxlokk.[60]

23. **Reuben Bonnici**, in rapprezentanza tal-ARMS ikkonfermat li f'isem il-konvenut irrizultaw erba' kontijiet intestati f'ismu.[61]

---

[60] A fol. 1429
[61] Do. RB 1

Bhala kontijiet pendenti fuq il-fond 2, Marina, Triq San Pietru u San Pawl, il-bilanc li kien ghadu dovut kien ta’ €83.35.

Jispjega ukoll li l-partijiet igawdu mill-incentiv tal-pannelli fuq il-fond proprjeta’ taghhom numru 7, Margerita, Triq il-Feluka, Marsaxlokk, fejn il-kont igib in-numru 101000136092. Jikkonferma li l-pannelli ilhom installati fil-fond sa mis-sena 2016.[62]

24. **Dr. Daniel Cutajar** in rapprezentanza tal-Malta Tourism Authority jikkonferma li dwar il-licenzja CE 10973 f’isem il-konvenut din kienet fuq

il-bar. Ighid li r-referenza tal-licenzja hija PD 1885 u jinsab gewwa 12, Triq ix-Xatt, Juan D. Azzopardi u l-konvenut huwa l-licencee.

25. **Karl Borg** in rapprezentanza tar-Registru tal-Artijiet ipprezenta pjanta u l-permess li nhareg fl-1997. Ipprezenta ukoll kopja tal-encroachment GLA 12 A 2020 0248 u l-file tal-istess proprjeta’ 96001.

Dan kien jirrigwarda *encroachment concessions* ghall-imwejjed, siggijiet u strutturi fixed fil-Marina Restaurant, 12, Triq ix-Xatt Gwann B. Azzopardi, Senglea.

L-*encroachment* qieghed fuq il-konvenut. L-ahhar concession saret fl-1 ta Jannar, 2022. [63]

[62] Doks. RB 2
[63] Dok. KB 1

26. **JM,** hu l-konvenut, ighid li huh kien habbrieki hafna u flimkien ma' missieru kienu fethu bar fil-Marina ta' Senglea u kienu jahdmu hafna u sieghat twal.

Jikkonferma li kien minn hawn li kien sar jaf l-attrici u wara ammont ta' zmien kienu zzewwgu. Ikompli jghid li l-attrici kienet tissapportjah sabiex jahdem fil-bar flimkien ma' missieru u kienet tiehu hsieb il-familja.

Minhabba li kienu vera jahdmu u jistinkaw, ighid li l-partijiet kienu finanzjarjament stabbli u setghu jghixu hajja lussuza u komda u kienu jsiefru kull sena bhala familja. Kienu anke xtraw dar gdida Marsaxlokk. L-attrici kienet tmur tghinu u jghid kien prezenti hafna f'hajjtihom peress li kien jahdem bit-taxi u hafna drabi kien iwassal lill-attrici u anke lil uliedhom.

Meta l-konvenut kien stqarr mieghu li l-attrici kienet bghatitlu ittra bl-avukat sabiex jisseparaw kien hadha bil-kbira hafna peress li kienu ilhom mizzewwgin xi tletin sena u pprova jirrikonciljahom.

Izid ighid li l-konvenut kien ammetta mieghu li kien interessat li jiehdu dak li hu tieghu u xejn iktar. Kien qallu ukoll li l-attrici riedet sehemha mill-hanut li kien parafermali. Jikkonferma ukoll li l-partijiet qedghin jaqsmu l-kera tal-hanut u minhabba li dan kien gej minn wirt, il-konvenut kien hallas €9000 lil kull wiehed minn hutu fuq kundizzjoni li ghamlu l-genituri stess fit-testment taghhom.

27. **BM** oht il-konvenut tikkonferma ukoll li l-konvenut kien habbrieki hafna u minn bar li kien jiggestixxi ma' missieru x-xatt tal-

isla, kien biddel u biddel sakemm ikkonvertih f'*restaurant*, li kien sar popolari immens peress li l-konvenut kien jaghti hafna importanza lill-klijentela.

Ghall-bidu tghid li kien hemm xi zijiet li kienu jghinu fil-cash u missierhom gibed l-attenzjoni tal-konvenut biex ma jhallix il-*cash* f'idejn terzi u ghalhekk bdiet tinzel tghin l-attrici.

Tikkonferma ukoll li l-partijiet kienu jghixu hajja tajba, jivvjaggaw ta' spiss u qatt ma tiftakar li kienet tisma' lill-attrici tilmenta dwar flus.

Kien fiz-zmien li hi kienet tahdem bhala *waitress* fir-restaurant tal-partjiet li kienet tisma xi glied bejniethom peress li l-attrici riedet lill-konvenut inehhi l-hanut.

Tghid ukoll li darba l-partijiet kellhom glieda sew il-hanut u kellhom jintervjenu l-pulizija u kien wara dan iz-zmien li bdew hafna problemi bejn il-partijiet u r-relazzjoni ma baqghetx miexja sew. Kien hemm anke episodji fejn il-konvenut kien ghamel zmien jorqod ghandha wara li kien jaghlaq il-hanut u dan sabiex jevita li jkollu glied mal-attrici.

Minn dan iz-zmien l-attrici ftit li xejn kienet tinzel il-hanut u kien jispicca jiehu hsieb kollox wahdu l-konvenut.

Tikkonferma li kienet irceviet €9,000 minghand il-konvenut bhala sehemha talli l-konvenut zamm il-hanut skond it-testment tal-genituri taghhom. Apparti minn hekk tghid li kienu rcevew ukoll xi flus mill-bank, bonds, minn bejgh ta' karozzi u mutur, kif ukoll xi proprjeta' li hallew il-genituri,

**KONSIDERAZZJONIJIET;**

**Responsabbilita'**

**Sevizzi, eccessi u ingurji gravi**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-
***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017:
***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu***

***jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi.”***

## Adulterju

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Rose Gauci vs Salvatore Gauci”** (P.A. (RCP) 1 ta’ Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

“… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** jghid illi “Kull parti mizzewga tista’ titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra”. Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **“Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe”.** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika”.* (**“Rosina Micallef vs Angelo Micallef”** *Prim’Awla Deciza -27 ta’ Gunju 1964)”.*

## Il-konvenut

## Sevizzi, Eccessi u Ingurji Gravi

L-attrici taddebita lill-konvenut il-htija tas-separazzjoni u dan ai finijiet tal-Artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta).

L-attrici primarjament tilmenta li tul iz-zwieg taghhom kien hemm nuqqas ta’ empatija da parti tal-konvenut fil-konfront taghha. Kien iffissat fir-*restaurant* li kienu jiggestixxu u hajtu kienet iddur madwar dan ix-xoghol. L-attrici kienet tmur tghin fil-hanut, fuq il-*cash*, tiehu l-ordnijiet u anke t-telefonati ghat-*take aways* jew il-*bookings* u fl-istess waqt kienet tiehu hsieb id-dar u anke t-tfal.

Kien jippretendi li tinzel anke jekk kienet tqila bit-tfal u anke meta kienet ghamlet l-operazzjoni tal-ftuq kien jaghmlilha hafna pressjoni sabiex terga’ tibda tinzel ir-restaurant mill-iktar fis.

Tinsisti li n-nuqqas ta’ simpatija u nuqqas ta’ rispett tal-konvenut huwa rifless ukoll fin-nuqqas totali tieghu fir-rigward tas-sentimenti u emozzjonijiet taghha. Meta kien qallha li ried jissepara habta u sabta, kienet bdiet tibki u minflok qallha sabiex timsah id-dmugh u tmur tkompli tahdem.

Il-kontroll assolut fuq il-finanzi kienet problema ohra li l-attrici kienet taffaccja fiz-zwieg u dan minhabba li l-konvenut kien ighaddi lill-attrici s-somma ta’ €200 fil-gimgha u dawn kienu ghall-bzonnijiet tal-familja, filwaqt li ghar-rigward l-finanzi l-ohra li kienu jaqilghu mill-hanut kien jiddeposita fil-kont bankarju tieghu u jmexxi kollox hu. L-attrici pero’ fix-xhieda taghha tghid li kienet tafdah u kien ghalhekk li kienet thallih imexxi kollox.

Il-konvenut jichad dan kollu meta l-attrici kellha access ghall-*credit cards* tieghu u meta l-hanut kien sejjer tajjeb kienu anke jgawdu hafna, jieklu fl-aqwa restaurants u anke jsiefru hafna drabi f’sena. Jakkuza lill-attrici li kienet tberbaq il-flus fuq id-dwiefer u anke l-botox.

L-aggressivita’ tal-konvenut ikkreat ukoll problema fiz-zwieg tal-kontendenti. Issemmi episodji fejn il-konvenut kien aggressiv maghha, fejn kien attakkaha b’siggu u darb’ohra kien qabadha minn ghonqha, tant li kellhom jintervjenu l-pulizija. Dan l-incident gie kkonfermat mill-konvenut stess, kif ukoll minn huha A M , li kien nizel hdejn ohtu l-polyclinic u anke minn oht il-konvenut BM

Il-vjolenza tirrizulta li sehhet f’zewg episodji partikolari u ma jirrizultax li kienet xi haga regolari u fil-fatt fl-uniku mument li spiccaw il-Qorti, il-kontendenti haffru lil xulxin. Il-Qorti hija konvinta li l-konvenut kien dominanti u xi kultant aggressiv mal-attrici, izda da parti taghha kien hemm instigazzjoni sabiex twasslu li jsir aggressiv.

Jirrizulta pero’ li dan l-atteggjament wassal ghall-eccessi fil-konfront tal-attrici u ta’ dan ghandu jinstab responsabbli l-konvenut.

**<u>Adulterju</u>**

L-ikbar sors ta’ argumenti bejn il-partijiet kien ghall-attrici, l-fatt li l-konvenut kien jaghti hafna kunfidenzi zejda lin-nisa ohra. Il-konvenut jinnega dan kollu u jinsisti li l-attrici kienet biss tghir ghalih. Minhabba fiha ma setax idahhal nies jahdmu mieghu u kellu bzonn l-ghajnuna u ghalhekk kien gab *cleaner* ghal xi zmien, imbaghad kellu jkecciha.

L-attrici ttenni li kienet rat “lovebite” fuq ghonq il-konvenut u kienet iffissat li kienet minhabba relazzjoni li l-konvenut kellu ma’ tfajla li kien gab tahdem il-hanut, izda hu ghal darb’ohra jinnega li dan kien il-kaz u jispjega li kien konvint li kellu allergija. L-attrici iktar kienet konvinta peress li l-

konvenut imbaghad stieden lil dina t-tfajla ghall-maghmudija tat-tifel taghhom.

L-attrici kienet konvinta ukoll li l-konvenut kellu relazzjoni ma' certu G li kienet tiffrekwenta r-restaurant bhala *salesgirl* u li tikkonferma li kien itiha l-flus ghall-botox u kienet xtralha xi hwejjeg ghax kienet semghet l-konversazzjonijiet bejniethom. Il-konvenut ma jinnegax dan il-fatt, anzi in kontro-ezami jammetti li ried jinsa kollox daqs li kieku ma kien gara xejn sabiex isalva z-zwieg "***Imma spiccat kienet. Ghalija spiccat u waqfet hemm.***" Il-konveut jirribatti dan u jinsisti li ma kienx qed jammetti li kellu relazzjoni extramaritali, izda li z-zwieg taghhom kien spicca l-minuta li bdew il-proceduri ta' separazzjoni.

Il-messaggi li pprezentat l-attrici bejn il-konvenut u "property manager" li effettivament kienet mara ohra juru certi kunfidenzi zejda bejniethom ukoll.[64]

Inoltre, l-attrici esebit diversi videos fl-istess USB fejn l-istess konvenut jammetti l-infedelta' tieghu u dan kien sehh anke fil-gurnata tat-tieg taghhom.

Fr. Robin, qassis habib tal-partijiet jikkonferma li kienu kellmuh il-partijiet u l-attrici ma kinitx kuntenta minhabba li kellha suspetti fuq l-fedelta' o meno tal-konvenut. Inqas kredibbli huwa l-konvenut, meta l-istess Fr. Robin jammetti li meta sar jaf li kien ser ikun xhud, il-konvenut kien mar istaqsih jekk kienx ser jitla' u stqarr mieghu li kien ser jixhed u jghid dik li hija l-verita'.

[64] Nota datata 20 ta' April, 2022

Ghalhekk mill-provi prodotti, hemm diversi indizji u prezunzjonjiet gravi, precizi u konkordanti li jwasslu sabiex jikkonvincu lil dina l-Qorti li kien hemm adulterju.

**L-attrici**

Fil-kontro-talba tieghu, il-konvenut qed jaddebita l-htija tas-separazzjoni lill-attrici peress li rrendiet ruhha hatja ta' sevizzi u ingurji gravi.

L-ghira tal-attrici rrendiet il-hajja matrimonjali impossibbli fil-fehma tal-konvenut. Ma riditx li jimpjega lil xi hadd fil-hanut, izda kien sar impossibbli ghalih biex ilahhaq wahdu, izda mbaghad ceda. Il-konvenut kien ihobb jcedi sabiex jevita inkwiet bejn il-partijiet.

L-attrici, skond il-konvenut kien kwazi ossessjonata li kellhu relazzjonijiet extra-matrimonjali u kienet tinstigah biex twasslu ghall-argument u tohloq tensjoni. Kienet anke bierdet minnu u kienet torqod ghaliha.

Il-Qorti tifhem li jekk kemm il-darba l-attrici kellha suspetti li l-konvenut kellu wicc haddiehor u dan gie kkorroborrat mhux biss mill-attrici, izda anke mill-habiba taghha LZ u anke Fr. Robin u pproduciet diversi messaggi li ntbaghtu mill-konvenut lil mara ohra, dan jiggustifika l-agir tal-attrici li saret bierda kemm emozzjonalment u fizikament mill-konvenut.

Oltre minn hekk, il-konvenut ma ressaq ebda provi sostenibbli li jistghu jwasslu lil dina l-Qorti biex tattribwixxi lill-attrici htija ghas-separazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunjiet sottomessi, ma jirrizultax li kien hemm xi sevizzi u/jew ingurji gravi kommessi mill-attrici.

**Manteniment**

L-attrici qed titlob li l-konvenut ighaddilha manteniment u dan essenzjalment minhabba l-fatt li presentement ghandha 60 sena u ghalhekk kwazi waslet ghall-eta' tal-pensjoni u jkun difficli ghaliha li ssib impjieg. Inoltre, allegat li wara li kellha bronkite kien qed ikollha problemi bin-nifs li jimpeduha milli tahdem.

Dwar l-ahhar allegazzjoni, dina l-Qorti taqbel mal-konvenut li ma tressqux provi konvincenti li l-attrici kellha problemi tas-sahha li impedewha milli tahdem.

Meta dina l-Qorti qed tiddeciedi fuq kwistjonijiet ta' alimenti, dejjem trid tiehu in konsiderazzjoni, il-bzonnijiet ta' min qed jitlobhom, kif ukoll il-mezzi tal-persuna li minnha qed jintalbu l-alimenti.

Prezentement jirrizulta li bejn il-partijiet sar ftehim li kellhom u fil-fatt hekk qed jigri, jircievu nofs il-kera rispettivament tar-restaurant li kien mwelli lil AC (u llum hemm inkwilin iehor), li kkonferma fit-testimonianza tieghu stess li sehhet fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2023. Dina s-somma tammonta ghal €1,000 fix-xahar rispettivament.

Ghalkemm il-konvenut jilmenta li l-attrici qatt ma hadmet u ghadha tal-eta' fejn ghandha kapacita' lavorattiva, l-attrici tirribatti dan billi tinsisti li qatt ma impjegat ruhha peress li kienet tghin fir-restaurant u kienet tkun hemm

ta' spiss u ghall-hinijiet twal. Dan huwa kkorroborat minn diversi xhieda, fosthom hu l-konvenut JM li kemm il-darba kien iwassal lill-attrici u uliedhom peress li kien jahdem bit-taxi, mill-hanut ghad-dar u anke jammetti li t-tfal kienu gieli jorqdu fit-taxi sakemm kienet tlesti l-attrici u jehodhom lura d-dar.

Il-konvenut stess issahhah dina t-tesi li l-attrici tat kontribut qawwi b'xogholha fir-restaurant u dan meta fix-xhieda tieghu stess itenni li fuq parir ta' missieru kien talab lill-attrici sabiex tibda tiehu hsieb il-cash u kienet giet irregistrata mal-Jobsplus bhala *casual worker part-time*.

L-attrici tilmenta li l-konvenut qatt ma hallasha ta' xogholha, izda kien ighaddilha biss €200 fil-gimgha sabiex tiehu hsieb il-bzonniiet tal-familja, imbaghad il-bilanc tal-flus li kienu jaqilghu fix-xahar kienu jitpoggew fil-kont tieghu minn fejn kienu jithallsu l-ispejjes kollha l-ohra. L-attrici tikkonferma dan peress li kienet thalli kollox f'idejn il-konvenut.

Indubbjament, il-partijiet kienu finanzjarjament stabbli u dan peress li mill-qliegh tar-restaurant irnexxielhom jakkwistaw diversi proprjetajiet, kif ukoll ighixu hajja pjuttost lussuza u jsiefru anke sa erba' darbiet f'sena. L-istess hut il-konvenut jikkorroboraw dina t-tezi, ghalkemm il-konvenut jakkuza lill-attrici li kienet tberbaq hafna flus fuq xagharha, fuq id-dwiefer u anke l-botox.

Jirrizulta ukoll mill-assjem tal-provi li hemm dubbji kemm l-attrici ser tkun intitolata ghall-pensjoni adegwata peress li jirriuzlta li kien hemm xi irregolaritajiet fil-hlas tal-bolla taghha u dan huwa kkonfermat mill-konvenut stess.

Presentement, il-konvenut ma jahdimx u hu ukoll qed javvicina l-eta' tal-pensjoni u fuq dan qed jibbaza s-sottomissjonijiet tieghu li ma jridx ihallas manteniment lill-attrici, peress li qed tircievi ukoll nofs il-kera li qed tithallas fuq ir-restaurant li hu mwelli.

Madanakollu, jirrizulta li l-konvenut, flimkien ma' martu fiz-zwieg, huwa sid ta' diversi proprjetatjiet u kif jammetti hu stess meta tigi llikwidata u assenjata l-komunjoni tal-akkwisti ser ikunu qed jircievu cirka valur ta' nofs miljun kull wiehed u dan kif qed jissottometti hu stess.

Mir-rizultanzi processwali jista' jigi konkluz ukoll li ghall-bidu, minkejja li l-attrici kienet qed tircievi nofs il-kirja kienet qed tippretendi li ma tikkontribwixix ghall-ispejjes l-ohra, sakemm illum thallas nofs l-ispejjes tal-Go plc, dawl u ilma, Melita, mobile u anke l-ikel tal-qattus.

Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ikun gust li **l-konvenut ihallas lill-attrici €400 fix-xahar in kwantu jirrigwarda l-hlas tal-alimenti,** filwaqt li l-attrici ghandha tibqa' tippercepixxi nofs il-kirja tar-restaurant li jinstab mikri.

Fil-kaz li l-kirja tal-istess restaurant tigi tterminata f'dak il-kaz**, il-konvenut ghandu jobbiga ruhu li jzid il-manteniment <u>minn €400 ghall-€800</u>**, u dan sakemm ikun hemm prova ta' twellija gdida fuq l-istess restaurant.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Mir-rizultanzi processwali jista' jigi stabbilit li l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti jikkonsistu fis-segwenti:-

i) Il-proprjeta' 7, Triq il-Felluka, Marsaxlokk, liema fond jirrapprezenta d-dar matrimonjali tal-partijiet. Mill-provi jirrizulta li dina l-proprjeta' ghandha valur ta' €580,000, liema valur tinkludi fiha l-mobbli tal-proprjeta', kuntrarjament ghal dak allegat mill-konvenut.[65]

ii) Il-mezzanin numru 2, fi Triq San Pietru u San Pawl l-Isla li skond is-sensara SensaraMalta dina l-proprjeta' ghandha valur ta' bejn €400,000 - €450,000 u dan wara li gie sorvolat il-perjodu tal-pandemija fejn il-valur kien ikun anqas.

iii) Il-garaxx bin-numru 16 fi Triq Cadeo, Marsaxlokk u jirrizulta li dina l-proprjeta' ghandha valur ta' €65,000.

iv) Il-garaxx numru 7, Margherita Garage, Dahlet Guzeppi Stagno, Marsaxlokk u peress li zewg sensara taw valutazzjoni b'dikrepanza ta' €8,000 (€60,000 u €68,000) dina l-Qorti ser taghti valutazzjoni medja ta' €64,000.

v) Iz-zewg garaxxijiet ta' karozza l-wahda fil-kumpless "Anchor Hitch," Triq Cicerun, Marsaxlokk fejn ghal darb'ohra kien hemm zewg valutazzjonijiet differenti (€80,000 u €76,000) u ghalhekk dina l-Qorti taqbel mal-attrici li ghandha tiehu l-valur medju li jammonta ghal cirka €78,000.

vi) Il-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet rispettivament.

vii) Vetturi – Mercedes Benz b'numru ta' registrazzjoni GMM555 (valur €3,600)

- Hyundai Sonata b'numru ta' registrazzjoni GLE111 (valur €1,100)

---

[65] Doks. MM 03

- Kia Sorrento b'numru ta' registrazzjoni XXX (valur €3,800)
- Toyota Spacio b'numru ta' registrazzjoni GLE 311 (valur €1,650).

Ghall-konvenut hemm interpretazzjoni differenti fuq il-valur tal-assi fuq imsemmija.[66]

## Marina Restaurant

Huwa fatt mhux ikkontestat li l-fond Marina Restaurant, Triq ix-Xatt, Senglea huwa wirt gej minn naha tal-konvenut u ghaldaqstant huwa parafernali. Hemm qbil bejn il-partijiet li peress kien sar prelegat da parti tal-genituri tal-konvenut li kellu jiehu l-Marina Restaurant, bil-patt li jhallas lil hutu s-somma ta' €9,000 kull wiehed, b'kollox €36,000. Sabiex jithallsu l-partijiet jammettu li kellhom jiehdu self bankarju peress li dak iz-zmien kellhom ukoll spejjez tal-post u ma setghux ilahhqu.

Ghaldaqstant, m'hemmx kontestazzjoni li **l-attrici ghandha kreditu ta' __€18,000__** u cioe' nofs l-ammont ta' dawn il-flejjes li thallsu lil hut il-konvenut.

L-attrici qed tippretendi ukoll li ghandha tithallas nofs is-somma ta' €50,000 li thallsu bhala rigal mill-inkwilin li kera r-restaurant u dan tiggustifikah billi tghid li minhabba l-hinijiet twal li ghamlet fir-restaurant, tat il-kontribut taghha sabiex dan l-istess jikber u sar success. Di piu' tinsisti li llum dan ir-restaurant gie jiswa izjed milli meta nxtara u fil-fatt gie stmat li ghandu valur ta' cirka €700,000.[67]

---

[66] Ara nota ta' sottimissjonijiet tal-konvenut a fol. 1669.
[67] Dok. MM03

Il-konvenut qed jopponi ghal dawn il-krediti pretizi mill-attrici u dan stante li in kwantu jirrigwarda l-€50,000 rigal dawn diga' gew divizi u jinstabu fil-kontijiet bankarji taghhom. Dwar ir-restaurant huwa parafernali u ghaldaqstant l-attrici mhix intitolata ghal ebda ammont ta' flus.

F'dan ir-rigward, mill-provi prodotti jirrizulta li dan ir-restaurant kien originarjament beda bhala bar u mbaghad sar take-away u pizzeria, sakemm sar restaurant u ghalhekk saru diversi benefikati fl-istess fond li wasslu sakemm tkabbar u sar iktar profitabbli. L-attrici ma tistax tippretendi li tiehu nofs il-valur tal-istess restaurant u dan meta l-istess fond huwa parafernali, izda dina l-Qorti thoss li ***arbitro boni viri*** **ghandha tinghata s-smomma ta' <u>€150,000</u>** ghal dawn il-benefikati u l-fatt li n-negozju kiber waqt iz-zwieg.

**<u>Krediti pretizi mill-konvenut</u>**

1. €2,278.58 spejjez li l-konvenut jallega li ghamel fir-rigward tat-tieg tal-partijiet.

2. €3,982.18 rapprezentanti nofs l-ispejjes li l-konvenut nefaq fir-rigward tal-vetturi fuq imsemmija mid-data li bdew il-proceduri odjerni.

Gie stabbilit mill-provi li l-attrici ma ssuqx u qatt ma kellha vetturi f'isimiha. Ghalhekk il-konvenut ma jistax jippretendi li l-attrici thallas ghall-ispejjes ta' vetturi li qatt ma ghamlet uzu minnhom. Ghaldaqstant, dan il-kreditu pretiz mill-konvenut ghandu jigi respint.

3. Numru ta' krediti relatati mal-wirt tal-konvenut li jikkonsistu fis-segwenti:-

i) Kreditu favur il-konvenut mir-rikavat tal-proprjeta' Glenmar, fi Triq Santa Dunimka, Haz Zabbar, li kien xtara l-konvenut qabel iz-zwieg ghall-prezz ta' Lm5,000, imbaghad inbieghet fit-30 ta' Jannar, 1995 ghall-prezz ta' Lm17,000.[68]

Jippretendi ghalhekk li ghandu kreditu favurih ta' €11,646.87.

ii) Kreditu favur il-konvenut fl-ammont ta' €9,807.78 rapprezentanti sehem il-konvenut mill-flejjes li halla missieru fil-wirt, kemm minn kontijiet bankarji, kif ukoll minn investimenti.[69]

iii) Kreditu favur il-konvenut fl-ammont ta' €1,770.32, rapprezentanti sehem tal-konvenut mill-flejjes mir-rikavat tal-bejgh tal-vettura ta'missieru (Toyota Tercel).[70]

iv) Kreditu favur il-konvenut fl-ammont ta' €587, rapprezentanti sehem tal-konvenut mill-flejjes mir-rikavat tal-bejgh tal-muturi ta' missieru Lambretta u Daystar.[71]

v) Kreditu favur il-konvenut fl-ammont ta' €20,500, rapprezentanti sehem il-konvenut mir-rikavat mill-proprjeta'

[68] Doks. GMA 1 u GMA 2
[69] Dok. GMH 9
[70] Dok.GM H7
[71] Dok. GM H 78

201, Qronfla House, Triq il-Karmnu, Fgura, li thallset mill-wirt ta' missieru.[72]

vi) Kreditu favur il-konvenut mir-rikavat mill-garaxx 142, Triq il-Karmnu, Fgura li thalla mill-wirt ta' missieru fl-ammont ta' €10,482 rapprezentanti sehemu minn tali bejgh.[73]

vii) Kreditu favur il-konvenut mir-rikavat mill-proprjeta' 31, St.Helen Flats, Cospicua Road, Fgura li thallas mill-wirt ta' missieru li jammonta ghas-somma ta' €12,578.62.[74]

L-attrici qed topponi ghal tali krediti, stante li l-konvenut ma ressax provi ta' fejn intuzaw dawn il-flus. Da parti tieghu l-konvenut qed jikkontendi li l-pretizi tieghu ghandhom jigu milqugha stante li dawn il-flejjes tpoggew fil-komunjoni u l-istess flejjes intuzaw sabiex jaqtghu l-loans li kellhom,

Tenut kont li l-konvenut huwa hati tas-separazzjoni bejn il-konjugi Marshall u konsiderando li dawn il-flejjes intuzaw fil-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk intuzaw ghall-beneficcju tal-familja, il-Qorti thoss li dawn il-krediti pretizi mill-konvenut m'ghandhomx jigu akkolti.

Il-partijiet mhux qed jaqblu fuq l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti in kwantu fuq dak pretiz mill-attrici[75], stante li l-konvenut qed joggezzjona primarjament li jekk il-Qorti takkolji t-talbiet tal-attrici, ser ikun hemm sproporzjon enormi u dan hekk kif il-valur tal-porzjon li l-attrici qed tipproponi li l-Qorti taghtiha jammonta ghal €768,044.09 filwaqt li l-porzjon tal-konvenut jammonta ghal €435.250.

---

[72] Dok. GM G
[73] Dok. G
[74] Dok. GM G
[75] A fol. 1643

L-attrici ziedet tghid li d-differenza fil-valuri tal-proprjeta' kif qed tippretendi li ssir l-assenjazzjoni hija sabiex jigu saldati l-krediti favuriha u cioe':-

i) Is-somma ta' €83,857.44 rapprezentanti l-pagament li l-konvenut rikonvenzjonant ghamel lil-erba' hutu fir-rigward l-istabbiliment "Marina Restaurant." (fuq dan il-kreditu hemm qbil bejn il-partijiet).
ii) Is-somma ta' €25,000 rapprezentanti nofs il-goodwill tal-istess restaurant u fuq dan diga' ppronunzjat ruhha dina l-Qorti.
iii) Il-valur tar-restaurant li huwa ta' cirka €700,000 bhala *going concern* u peress li ddedikat hafna mill-hin taghha qed tippretendi li tigi kkumpensata ghalih u fuq dan diga' ppronunzjat ruhha dina l-Qorti.

Hadet ukoll in konsiderazzjoni l-kreditu favur tal-konvenut u cioe' l-ammont ta' €11,646.87 rapprezentanti r-rikavat tal-proprjeta' "Glenmar" li giet mixtrija mill-konvenut qabel iz-zwieg li sussegwentement inbieghet fiz-zwieg.

**<u>Assenjazzjoni</u>**

Tenut kont ta' dak li gie kkunsidrat minn dina l-Qorti u cioe' li l-konvenut huwa hati tas-separazzjoni, tenut kont ukoll tal-fatt li l-€50,000 li thallsu bhala rigal lill-partijiet mat-twellija tar-restaurant gew maqsuma diga' bejn il-partijiet, li l-valutazzjoni tad-dar matrimonjali tiinkludi fiha ukoll il-valur tal-mobbli, il-fatt li l-attrici ma ssuqx, u fuq kollox il-fatt li r-restaurant tkabbar u sar success fiz-zwieg u l-fatt li l-attrici tat ukoll il-kontribut taghha

bis-sieghat li hadmet hemmhekk, ikun gust li l-assenjazzjoni ssir fis-segwenti mod:-

**A - Sehem tal-attrici**

1. Il-proprjeta' 7, Triq il-Felluka, Marsaxlokk, li kienet id-dar matrimonjali, flimkien mal-garaxx anness maghha.
2. Garaxx indikat bhala numru 7 "Margherita Garage" Dahlet Guzepp Stagno, Marsaxlokk.
3. Garaxx numru 16 li jaghmel parti minn bitha ta' garaxxijiet u li jgib in-numru 17 fi Triq Caddeo, Marsaxlokk.
4. €21,000 kreditu tal-bilanc li jkun jifdal ghall-Marina Restaurant, stante li l-Qorti ordnat li tinghata kreditu ta' €150,000 u peress li qed jigu assenjati l-garaxxijiet fuq imsemmija b'valur ta' (€65,000 u €64,000 rispettivament, b'total ta' €129,000), jifdal il-kreditu msemmi.
5. Kontijiet bankarji f'isimha.

**B - Sehem tal-konvenut**

1. Il-mezzanin- bin-numru 2, fi triq San Pietru u San Pawl, fl-Isla.
2. Iz-zewg garaxxijiet ta' karozza l-wahda li jaghmlu parti mill-kumpless "Anchor Hitch," Triq Cicerun, Marsaxlokk
3. Vettura Hyundai Sonata numru ta' registrazzjoni GLE 111
4. Vettura Kia Sorrento numru ta' registrazzjoni XXX
5. Vettura Mercedes Benz numru ta' registrazzjoni GMM 555
6. Vettura Toyota Spacio numru ta' registrazzjoni GLE 311
7. Kontijiet bankarji f'ismu.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi u adulterju u dan mill-1 ta' Jannar, 2018.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara li l-intimat iddekada permanentement mid-dritt ta' manteniment minghand l-attrici u dan mill-1 ta' Jannar, 2018.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti,"

4. Tinnomina lin-Nutar Elena Farrugia sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni, u kuraturi deputati fil-kaz tal-eventwali kontumacja tal-konvenut.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna u tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar matrimonjali u cioe' l-fond 7, Margherita, Triq il-Felukka, Marsaxlokk b'mod definittiv u dan ad eskluzjoni tal-konvenut.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina t-talba stante li dan gie ezawrit fil-mori tal-kawza.

7. Tilqa’ s-seba’ talba attrici fil-konfront tal-konvenut.

8. Tilqa’ t-tmien talba attrici u tordna l-hlas ta’ manteniment skond dak deciz fl-intestatura “Manteniment.”

9. Tilqa’ d-disa’ talba attrici u tordna li l-attrici tibqa’ tippercepixxi nofs il-kirja tar-restaurant “Marina”, Triq ix-Xatt, Senglea u dan ghar-ragunijiet surriferiti.

10. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dina t-talba stante li l-mertu diga’ gie ezawrit.

11. Tilqa’ l-hdax-il talba attrici u tordna li l-beni u krediti parafernali jigu assenjati lill-attrici kif fuq deciz fl-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti.”

12. Tilqa’ t-tnax-il talba attrici u tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Qorti, mar-Registru Pubbliku.

**<u>Kontro-talba</u>**

1. Tilqa’ l-ewwel kontro-talba in kwantu tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut rikonvenzjonant.

2. Tichad it-tieni kontro-talba stante li l-attrici rikonvenzjonata mhix hatja tat-tifrik taz-zwieg.

3. Tilqa' t-tielet kontro-talba u xxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwidaha limitatament ghal kif fuq gie deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti".

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina r-raba' kontro-talba stante li gia' saret l-assenjazzjoni.

5. Tichad il-hames kontro-talba stante li d-dar matrimonjali, flimkien mal-garaxx anness fi Triq Felluka, Marsaxlokk qed tigi assenjata lill-attrici rikonvenzjonata.

6. Tichad is-sitt kontro-talba stante li m'hemmx htija da parti tal-attrici rikonvenzjonata.

7. Tichad is-seba' kontro-talba stante dak li deciz fl-intestatura "Manteniment."

8. Tilqa' t-tmien kontro-talba in parte stante li gie deciz li l-attrici ghandha tircievi nofs il-kirja tal-hanut "Marina" li jinsab fi triq ix-Xatt, Senglea.

9. Tilqa' d-disa' kontro-talba skond dak li gie deciz fuq il-proprjeta' parafernali fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

10. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar kontro-talba stante li qed tinghata sentenza finali.

11. Tilqa’ l-hdax-il kontro-talba u tordna lil wiehed mill-partijiet sabiex jirregistra fir-Registru Pubbliku l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Qorti.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor.Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**